DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ–ŻEE

Nru 148/2011

tat-2 ta' Diċembru 2011

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 720/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 272/2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fir-rigward tad-dħul f'fażijiet tal-iskrining ta' likwidi, aerosols u ġelli-jiet fl-ajruporti tal-UE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66ha (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32011 R 0720**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 720/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 (ĠU L 193, 23.7.2011, p. 19)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 720/2011 li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 341, 22.12.2011, p. 85.
([2]) ĠU L 193, 23.7.2011, p. 19.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.